VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,368, 17 ta' Marzu, 2020
Taqsima B

A.L. 77 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA (KAP. 465)

Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq tal-Iskejjel (Perjodu ta' Estensjoni tal-Għeluq)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-Ordni huwa l-Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq tal-Iskejjel (Perjodu ta' Estensjoni tal-Għeluq).

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fil-21 ta' Marzu, 2020.

Estensjoni tal-perjodu ta' għeluq. L.S. 465. 14.

2. B'konformità mat-tieni proviso tal-artikolu 3 tal-Ordni dwar l-Għeluq tal-Iskejjel, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika b'dan qiegħda testendi l-perjodu ta' għeluq tal-iskejjel għall-istudenti u l-edukaturi sakemm is-Suprintendent, b'avviż fil-Gazzetta, tirrevoka l-ordni għal għeluq tal-iskejjel:

Iżda s-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika tista' fid-diskrezzjoni assoluta tagħha, tissospendi d-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni, b'avviż fil-Gazzetta, jekk, fl-opinjoni tas-Suprintendent, tali sospensjoni hija neċessarja għall-kontinwità tal-forniment ta' servizzi essenzjali.